Tlaqt mill-Pjazza, tlaqt imħasseb
u ġo moħħi feġġ id-dawl:
X'tiswa qatt lill-kotra għajjiena
l-għanja li semmajtha jiena,
Għall-marid mhux Poeżija—
imma s-serħ t'Anestisija.

Jannar, 1945.

---

# Naħarbu

*Ta'* W. PH. GULIA

Ejja naħarbu għal Wied Qirda,
ejja naħarbu!
Ħaddar qiegħed Marzu qalb l-egħlieqi
taħt l-aħmar tas-silla,
u fuq ħxejjex imkabbrin
qed ifewġu tlieta, tlieta,
wardiet homor bħall-pepprin...
U l-għasel qed itaffi għatx in-naħal,
u safi qed itir mar-riħ id-deh'b,
u ċċapċap il-ġurati l-ġwienaħ tagħha,
u jżanżan iż-żunżan għażżien li għib!
U tisma' ġol-ħarruba
il-għanja tal-għasfur,
tisma' l-ilma ġieri
ġol-widien ifur!
U tħoss li x-xemx ixxekklek
fil-mixi—l-ġiri rżin,
u tieqaf hemm—tindifen—
qalb il-ħaxix hanin...
U tara taħt dak l-iżraq,
jiġġiera il-ħajbur,
tara 'l xi ħamiema
taħrablek 'l hinn mill-bur—
Ejja mmorru, ejja mmorru
nixegħlu bin-nirien—
hemm l-għana tal-għasafar,
hemm l-ilma tal-widien—
Ejja mmorru, ejja mmorru,
naħarbu kullimkien—
hemm il-ġamar taż-żgħożija,
hemm iż-żifna tal-ħolqien!



# Tliet Imħabbiet

*Ta'* VIC. APAP

IL-PORT kien miżgħud bin-nies u mferraħ bid-daqq tal-baned u bit-tixjir ta' l-imkatar. F'nofs il-folla, mitlufa f'sakra ta' ferħ li ma bħalu, kien hemm miġbura l-aħjar suldati tal-pajjiż, imħejjijin biex isiefru u jmorru jaħbtu għall-għadu f'artijiet barranin. Kienet dehra sabiħa tassew din, dehra li bosta ġnus oħra ma setgħux ikollhom f'pajjiżhom billi dawn kienu jibagħtu lis-suldati minn art għal oħra bl-ikbar ħabi. Iżda hawnhekk in-nies setgħet turi bla biża' ta' xejn li l-irġiel tagħha kienet tielqa għall-gwerra minħabba li l-għadu ma sata' qatt jasal sa dik ix-xtajta.

Is-suldati dehru henjin u qalbiena, iżda fosthom ukoll kien hemm min ħeba wiċċu mill-ħars tan-nies u mesaħ b'qiegħ idejh demgħa taħraq nar li ma felaħx iliġġem iktar ġo fih.

F'ġenb wieħed kien hemm xbejba ta' għoxrin sena, b'idejha jagħfsu idejn il-ħanin tagħha, mitlufa twebbes fihom u fl-istess ħin twissih bil-fsied biex jiktbilha kull ġimgħa u biex jibqa' jħobbha dejjem. Minn naħa oħra dehret riesqa mara xiħa, b'xagħarha rmiedi, titwieżen fuq ħatar u tħaffef kemm tiflaħ lejn il-port. Iddeffset qalb il-ġemgħa, irtasset kemm setgħet: xi kultant tieqaf u tgħolli ħarsitha minn fuq kitfejn in-nies biex tara tilmaħx lil binha. Fl-aħħar, hekk kif ratu — hu wkoll kien qed ifittixha — għolliet leħenha u sejħitlu b'ismu. Wara ftit, l-omm u binha kienu mgħannqin flimkien. Kultant iż-żagħżugħ kien jarfa' 'l ommu mill-art bejn dirgħajh, igħidilha kliem li jqawwi l-qalb u jbusha waħda f'waħda fuq ġbinha kollu tikmix. U ommu, meta rat hekk, ħallet minn fuq sidirha xbieha żgħira fid-deheb ta' żewġha u hemżitha fuq il-ġlekk ta' binha:

"Ftakar dejjem f'missierek," qaltlu, "u aqdi dmirek kif imiss."

"Sa l-aħħar, ma, tibża' xejn," weġibha binha; "dawk li qatlu 'l missieri jpattuha qares minn idejja."

U l-omm li fil-vini tagħha kellha jiġri demm li jaf missier suldat, minflok ma qatgħet qalb binha, qawwietu f'fehemtu u ħajritu jitħallas tal-mewt ta' missieru.

Ftit iktar il bogħod minnhom kien jidher suldat ieħor b'tarbija ta' ftit xhur bejn dirgħajh, qiegħed jagħtiha l-aħħar bewsa qabel jitlaq. Martu, b'rasha mitluqa fuq sidirha, ħasset